# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 12 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 32/2025JPG**

**Kawza nru.: 23**

**BD**

**vs**

**JD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur datat 23 ta' Jannar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat iżżewġu nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala '**Dok BD 1**';*

2. *Illi r-rikorrenti u l-intimat minn dan iż-żwieġ kellhom tifla waħda (1) ossia ND li twieldet nhar l-X ċertifikati tat-twelid jinsab hawn anness u mmarkat bħala '**Dok BD 2**';*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grace Pace li jinsab hawn anness u mmarkat bħala '**Dok BD 3**' iżda ilhom de facto separati minn Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023);*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi huma mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi r-rikorrent u l-intimata rrinunzjaw mid-dritt li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin;*

6. *Illi r-rikorrenti tirċievi mingħand l-intimat il-manteniment adegwat għat-tifla minuri ND fl-ammont ta' tlett mitt ewro (EUR 300) pagabbli kull nhar il-ħamsa u għoxrin (25) tax-xahar;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

i. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimat (Vide Fol 24) li taqra hekk:

1. *Illu huwa jaqbel interament mal-kontenut tar-rikors promotur intavolat minn BD;*

2. *Illi huwa jikkonferma il-fatti hekk kif ecepiti fir-rikors promotur (Vide*

*affidavit anness Dok A);*

3. *Illi huwa m'ghandu ebda oggezzjoni illi jigi ppronunjat id-*divorzju bejn il-*partijiet.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 23)

**Ikkonsidrat:**

L-attrici xehdet (vide affidavit fol 19) u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-13 ta' Lulju 2019 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Lulju 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Mary Grech Pace; xehdet in oltre li l-kontendenti ilhom jghixu separati de facto minn Dicembru 2023. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimat xehed (vide affidavit Fol 25) u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi***

> ***meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Lulju 2019 liema zwieg jgib certifikat numru 2007/2019 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mary Grace Pace  datat 24 ta' Lulju 2024 (Vide fol 5 et seqq.). Jirrizulta in oltre illi l-kontendenti ilhom de facto separati ghal aktar minn Dicembru 2023. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2007/2019 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**